# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 9/01**

**Numru 5**

**Antione Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Antoinette Guntrip**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwaltijiet tieghu premessi ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' (Lm786.06) seba mija u sitta u tmenin lira Maltin u sitt centezmi, import ta' 6 kambjali mill-konvenuta accettati u iffirmati li d-data ta' maturita taghhom skadiet u li huma markati minn Dok 1 sa Dok 6.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluz dawk ta’ (Lm5) hames liri ta’ ittra interpellatorja, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti ossija kopja ta’ kambjaijiet minn fol 2 sa fol 5 tal-atti kif ukoll fol 12 u fol 13 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur fil-kwaltijiet tieghu premessi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehirtx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi s-somma ta' Lm786.06,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes Lm5 ghall-ittra interpellatorja msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur